

## **P6\_TA(2006)0371**

### **Protezzjoni ta' l-Euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') \***

**Riżoluzzjoni leġislattiva tal-Parlament Ewropew dwar il-proposta għal deċiżjoni tal-Kunsill li temenda u testendi d-Deċiżjoni 2001/923/KE li tistabbilixxi programm ta' skambju, assistenza u taħriġ għall-protezzjoni ta' l-Euro kontra l-iffalsifikar (il-programm 'Pericles') (COM(2006)0243 – C6-0179/2006 – 2006/0078(CNS))**

#### **(Proċedura ta' konsultazzjoni)**

*Il-Parlament Ewropew,*

- wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Kunsill (COM(2006)0243)<sup>1</sup>,
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 123(4), it-tielet sentenza, tat-Trattat KE, skond liema artikolu huwa ġie kkonsultat mill-Kunsill (C6-0179/2006),
  - wara li kkunsidra l-Artikolu 51 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
  - wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A6-0276/2006),
1. Japprova l-proposta tal-Kummissjoni;
  2. Jistieden lill-Kunsill sabiex jinfurmah jekk ikollu l-ħsieb li jitbiegħed mit-test approvat mill-Parlament;
  3. Jitlob lill-Kunsill sabiex jerġa' jikkonsultah jekk ikollu l-ħsieb li jemenda l-proposta tal-Kummissjoni b'mod sustanzjali;
  4. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

---

<sup>1</sup> Għadha mhix ippubblikata fil-ĠU.